# Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. LL.M., Grixti LL.D.

Seduta tal-4 ta' Frar 2016

Appell Nru: 42/2014

**Il-Pulizja**

**Spettur Ramon Mercieca**

**Vs**

**Paul William Pullicino**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Paul William Pullicino detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 56390M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1) Fit-8 ta' Settembru, 2013 ghall-habta ta' 19:30hrs waqt li kien gewwa l-port il-kbir, Valletta saq speed boat jew xi ngenju iehor tal-bahar li jithaddem bil-mutur bi speed ta' iktar minn 10 knots f'xi port u cioe' gewwa l-port il-Kbir u dan bi ksur ta' Reg. 25(a) SL 499.52; u 2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq, halla jew ippermetta li tinstaq kwalunkwe bastiment zghir li jahdem bil-mutur b'velocita' li, fic-cirkostanzi partikolari, x'aktarx ikun ta' perikolu ghall-hajja jew jista' jikkaguna korriment jew iwassal ghal xi kollizjoni u dan bi ksur tar-Reg 26 u Reg 45 tat-Tielet Skeda, L.S. 499.52.

Il-Qorti intalbet li f'kaz ta' htija tirrevoka l-licenzja nawtika ghal zmien li jidrilha xieraq fil-konfront tal-persuna msemmija.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Jannar, 2014, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolamenti 25(a), SL 499.52, Regolament 26 u 45 tat-Tielet Skeda SL 449.52 tal-Ligjiet ta' Malta; sabet lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant ikkundannatu multa ta' sitt mitt Ewro (€600). In oltre l-istess Qorti ma setghetx issib lill-istess imputat Paul William Pullicino hati skond it-tieni akkuza kif dedotta kontra tieghu u ghaldaqstant illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Paul William Pullicino, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-7 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu talab lil din il- Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti fejn huwa kien ddikjarat mhux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha illiberathu u thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabithu hati u konsegwentement tiddikjarah mhux hati tal-imputazjoni kollha migjuba kontrih u minnhom tilliberah kompletament skond il-ligi. Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha f'dik il-parti tal-piena billi minflok tkun imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti fil-qosor ta' dan il-kaz kif jirrizultaw mill-affidavit ta' PC 1023 ta' PC 106 u mix-xhieda tal-appellant huma kif gej. Fit-8 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-19.30 l-appellant kien osservat minn zewg membri tal-Korp tal-Pulizija ghaddej bi *speedboat* diehel fil-port ta' Marsamxett. Skond wiehed mill-ufficcjali, kien jidher car li l-appellant kien ghaddej bi speed eccessiv ghax id-dghajsa tieghu kienet *plained* u ghaddiet minn maghhom bi speed ferm akbar meta huma kienu ghaddejjin bl-10 nodi. Ghalhekk waqqfu lis-sewwieq li ammetta maghhom li kien ghaddej b'aktar minn 10 nodi izda ma kienx jaf x'kien l-ispeed tieghu. L-appellant jghid li ma kienx ghadu dahal fil-Port il-Kbir tant li kien ghadu 'l barra mill-*breakwater* meta twaqqaf u li kien qed isuq taht l-10 nodi gej minn naha ta' Tas-Sliema. Meta twaqqaf mill-ufficcjali dawn kienu stazzjonati fil-post fejn soltu jkunu u kien lest li jnaqqas l-ispeed qabel intercettawh;

Fl-ewwel aggravju tieghu, l-appellant jargumenta illi l-prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm 'l boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u per konsegwenza s-sejbien ta' htija tal-esponent tal-akkuzi addebitati lilu hija 'unsafe and unsatisfactory'. Issa meta l-appellant jitkellem dwar r-reati addebitati lilu naturalment kien qieghed jirreferi ghall-ewwel imputazzjoni biss la darba kien illiberat mill-ewwel imputazzjoni. F'kawzi ta' din ix-xorta, l-prosekuzzjoni ikollha tistrieh fuq prova li hija soggetta ghall-interpretazzjoni u dipendenti minn opinjoni da parti tal-ufficjali tal-pulizija. Dan ghaliex il-pulizija mhix mghammra b'xi tip ta apparat elettroniku li jirregistra l-ispeed allegat jew almenu xi ritratt jew video recording li jista' talvolta jkun hekk indikattiv. Dan ma jfissirx illi l-opinjoni tal-ufficcjali tal-pulizija wahidha mhix bizzejjed sabiex tinstab htija, ghall-kuntrarju kif jixhdu

diversi sentenzi in rigward. Ifisser izda li l-provi migjuba quddiem l-Qorti ghal kunsiderazzjoni taghha ghandu jkollhom xi punt ta' referenza li jghin lill-Qorti taghmel apprezzament ta' kif ikunu waslu ghall-dik il-konkluzjoni. Fil-kaz odjern, l-Ewwel Qorti sabet htija fl-appellant ghal dak li huwa sewqan in eccess ta' 10 nodi gewwa port izda ma sabitx htija ghal dak li jirrigwarda sewqan, fi kliem iehor perikoluz. Ghad illi l-mertu tal-appell huwa s-sejbien ta' htija fuq l-ewwel akkuza u mhux il-liberazzjoni mit-tieni akkuza, tali liberazzjoni hija ferm sinjifikanti ghall-kunsiderazzjoni dwar l-ewwel akkuza. Il-prova dwar it-tieni akkuza kien l-affidavit ta' PC 106 li qal li l-appellant ghadda b'velocita' kbira tant li biex waqqfuh kellhom isuqu warajh u ma riedx jieqaf fil-bidu u li pprova jikser ghal fuqhom. Dan huwa l-punt ta' referenza li rriferiet ghalih il-Qorti. Izda PC 1023 jghid biss illi d-dghajsa tal-appellant kienet 'plained' u ghaddiet minn maghhom bi speed ferm aktar minnhom meta "dak il-hin konna dehlin fil-port bi speed ta' 18KM (10 nodi). Ghalhekk filwaqt illi ghall- wiehed mill-ufficcjali l-punt ta'referenza dwar speed kien l-insegwiment, dan l-istess punt ma kien ta' ebda relevanza ghall-ufficjal l-iehor tant li lanqas biss isemmieh izda jghid biss li d-dghajsa kienet 'plained'.

Din il-Qorti, kemm il-darba osservat illi affidavits identici iqanqlu certu spirtu ta' inaffidabilita'. Mill-banda l-ohra, fil-kaz odjern, ma jistghax jghaddi inosservat illi filwaqt illi ufficjal tal-pulizija jiddeskrivi xena ta' insegwiment u sewqan perikoluz, l-ufficcjal l-iehor, prezenti fl-istess dghajsa ma jsemmi xejn in rigward bil-konsegwenza li dan iwassal ghal-liberazzjoni tal-appellant fuq tali sewqan perikoluz. Issa iz-zewg ufficcjali jikkonfermaw illi fil-hin tal-incident l-appellant kien ghadu ma dahalx fil-port. Almenu din hija l-interpretazzjoni tal-Qorti meta jghidu illi raw dghajsa diehla fil-port. Dan jorbot ma' dak li l-Qorti osservat *supra* dwar l-univocita' fil-provi. Jekk il-Qorti tkun konvinta minn dak li jghidu x-xhieda dwar l-ispeed dik il-Qorti tkun libera tghazel verzjoni minn ohra izda fil-kaz odjern si tratta ta' diskrepanzi serji fix-xhieda tal-prosekuzzjoni nnifisha. L-insegwiment

certament ma setghax ikun fattur li jiftakar uffical u mhux iehor u dan gia kellu jkun indikattiv li l-kalkolu tal-ispeed tal-appellant seta, ghal xi raguni, kompriz li forsi tfixxklu kaz ma' iehor, ma kienx tali li l-Qorti tistrieh fuqu;

Illi fil-kaz odjern, din il-Qorti mhix sodisfatta illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha meta sabet htija fl-appellant fl-ewwel akkuza.

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u qed tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitx htija fl-appellant dwar it-tieni akkuza, thassarha f'dik il-parti fejn sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena dwar l-ewwel imputazzjoni.